Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**12198/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0310 (COD)**

**SOC 518**
**EMPL 289**
**CODEC 1508**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 24 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 388 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar id-data u l-informazzjoni trażmessi mill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-pagi minimi u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv, skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2041 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 388 final.

Mehmuż: COM(2026) 388 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2026
COM(2026) 388 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar id-data u l-informazzjoni trażmessi mill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-pagi minimi u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv, skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2041**

{SWD(2026) 237 final}

MT MT

# Werrej

INTRODUZZJONI....................................................................................................... 3

PARTI I: DATA U INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-PAGI MINIMI........ 4

PARTI II: PJANIJIET TA' AZZJONI GĦALL-PPROMOZZJONI TAN-NEGOZJAR KOLLETTIV ........................................................................................................... 11

KONKLUŻJONI ......................................................................................................... 14

# INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2022/2041([1]) (id-"Direttiva dwar Pagi Minimi" jew id-"Direttiva") tistabbilixxi qafas għall-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji, filwaqt li tippromwovi n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi u ttejjeb l-aċċess effettiv tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-pagi minimi. Tikkostitwixxi wieħed mir-riżultati ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali([2]), b'mod partikolari l-Prinċipju 6 dwar il-pagi.

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jirrappurtaw regolarment data u informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-pagi minimi (l-Artikolu 10(2)). L-obbligi speċifiċi ta' rappurtar jiddependu mis-sistema ta' protezzjoni tal-paga minima li teżisti fi Stat Membru. Tirrikjedi wkoll l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv minn dawk l-Istati Membri fejn ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv hija taħt il-limitu ta' 80 % (l-Artikolu 4(2)).

Barra minn hekk, l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tanalizza d-data u l-informazzjoni trażmessi mill-Istati Membri kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar din il-kwistjoni kull sentejn.

Dan huwa l-ewwel rapport perjodiku mħejji f'konformità mal-Artikolu 10(3). Dan huwa magħmul minn żewġ partijiet:

- Il-Parti I dwar id-data u l-informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-pagi minimi trażmessi mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva, li tkopri s-snin 2021, 2022 u 2023. Peress li d-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri ammont sinifikanti ta' diskrezzjoni fir-rappurtar tagħhom, din id-data u l-informazzjoni jistgħu jkunu differenti mill-istatistiki dwar il-pagi minimi ppubblikati mill-Eurostat ([3]).

- Il-Parti II dwar il-pjanijiet ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv stabbiliti mill-Istati Membri b'rata ta' kopertura ta' negozjar kollettiv taħt it-80 %, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq data u informazzjoni pprovduti mill-Istati Membri u minn sorsi oħra disponibbli pubblikament. Huwa mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-konformità tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali li qed titwettaq mill-Kummissjoni, kif ukoll għall-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu fi kwalunkwe proċediment ġudizzjarju futur.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal([4]), li jipprovdi aktar dettall dwar l-analiżi u jippubblika d-data u l-informazzjoni trażmessi mill-Istati Membri kif meħtieġ mid-Direttiva.

([1]) Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2041/oj

([2]) Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09), https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/policies-and-activities/european-pillar-social-rights-building-fairer-and-more-inclusive-european-union_en?prefLang=mt

([3]) Il-Eurostat jippubblika statistiki dwar il-pagi minimi bbażati fuq data komparabbli u armonizzata. Ara: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Minimum_wage_statistics&etrans=mt

([4]) SWD(2026)237

## PARTI I: DATA U INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-PAGI MINIMI

**Il-protezzjoni tal-pagi minimi teżisti fl-Istati Membri kollha, jew fil-forma ta' pagi minimi statutorji jew permezz ta' negozjar kollettiv.** Kien hemm 20 Stat Membru jirrappurtaw li għandhom paga minima statutorja, filwaqt li 7 jipprovdu protezzjoni tal-paga minima biss permezz ta' ftehimiet kollettivi (Tabella 1). Din id-distinzjoni hija kritika, peress li xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva japplikaw biss għall-Istati Membri li għandhom pagi minimi statutorji.

**Tabella 1:** Sistema predominanti ta' protezzjoni tal-pagi minimi, kif irrappurtata mill-Istati Membri stess

| | |
|---|---|
| Pagi minimi statutorji | Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru([5]), iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja |
| Protezzjoni tal-pagi minimi prevista biss fi ftehimiet kollettivi | L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, l-Iżvezja |

*Pagi minimi statutorji*

**Il-livelli tal-pagi minimi statutorji jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri f'termini nominali** (Graff 1) ([6]). Fl-2023, il-Lussemburgu (EUR 2 509 fix-xahar), il-Ġermanja (EUR 2 023), u n-Netherlands (EUR 1 965) irrappurtaw l-ogħla pagi minimi, segwiti mill-Irlanda (EUR 1 910) u minn Franza (EUR 1 735). Fi Spanja u s-Slovenja, dawn kienu madwar EUR 1 200. F'disa' Stati Membri ([7]), dawn kienu jvarjaw bejn EUR 700 u EUR 940. L-aktar pagi minimi baxxi nstabu fil-Bulgarija (EUR 399), segwita mill-Ungerija (EUR 615), mil-Latvja (EUR 620) u mir-Rumanija (EUR 622).

([5]) Ċipru introduċa paga minima statutorja nazzjonali fl-2023. Fl-2021 u fl-2022, il-protezzjoni tal-pagi minimi kienet prevista fi ftehimiet kollettivi jew, f'xi setturi, permezz ta' paga minima speċifika għas-settur.

([6]) Għal komparabbiltà aħjar, il-pagi minimi statutorji rrappurtati ġew ikkonvertiti f'medji ponderati tal-pagi minimi ta' kull xahar matul is-sena.

([7]) Il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja.

**Graff 1**: Livelli tal-pagi minimi statutorji gross fix-xahar fl-UE (f'EUR)




*Nota: Is-Slovenja rrapportat data għall-2023 biss. Ċipru introduċa paga minima statutorja fl-2023.*
*Sors: Is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri, konvertiti f'EUR u f'livelli medji tal-pagi fix-xahar.*

**Id-disparitajiet fil-pagi minimi statutorji bejn l-Istati Membri huma konsiderevolment iżgħar wara li jitqiesu d-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet.** F'termini nominali ta' euro, l-ogħla paga minima gross fix-xahar fl-UE hija madwar sitt darbiet akbar mill-aktar waħda baxxa. Madankollu, din id-differenza tonqos għal inqas minn tliet darbiet meta espressa fi standards tal-kapaċità tal-akkwist, peress li l-livell tal-prezzijiet għandu t-tendenza li jkun aktar baxx fi Stati Membri b'pagi minimi aktar baxxi. F'termini tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, fl-2023, il-pagi minimi gross fix-xahar kienu l-ogħla fil-Lussemburgu u fil-Ġermanja, segwiti min-Netherlands u minn Franza. L-aktar pagi minimi statutorji baxxi ġew irrappurtati fil-Bulgarija segwita mil-Latvja u miċ-Ċekja.

**Il-pagi minimi statutorji żdiedu b'rata aktar mgħaġġla f'pajjiżi b'livelli li għall-bidu kienu aktar baxxi, u dan jappoġġa l-konverġenza 'l fuq.** F'konformità mal-objettivi stabbiliti bid-Direttiva, il-varjazzjoni fil-pagi minimi nominali madwar l-Istati Membri naqset bejn l-2021 u l-2023. Dan it-tnaqqis kien appoġġat mill-irkupru tal-Istati Membri b'livelli nominali li għall-bidu kienu aktar baxxi, bħall-Ungerija u r-Rumanija, li f'dak il-perjodu rreġistraw l-akbar tkabbir nominali (40,8 % u 33,7 %, rispettivament). Din il-konverġenza 'l fuq tal-pagi minimi statutorji f'termini nominali kompliet wara l-perjodu ta' referenza.

**Fil-perjodu mill-2021 sal-2023, iż-żidiet fil-pagi minimi statutorji kkumpensaw għat-telf fil-kapaċità tal-akkwist minħabba l-inflazzjoni għolja f'madwar nofs l-Istati Membri** (Graff 2). Fl-2023, il-pagi minimi statutorji reali kienu ogħla meta mqabbla mal-2021 f'10 mit-18-il Stat Membru li għalihom kienet disponibbli d-data([8]). L-akbar żidiet f'termini reali ġew irreġistrati fil-Ġermanja (9 %) u fir-Rumanija (8,7 %), filwaqt li ġew irreġistrati żidiet ta' aktar minn 2 % fl-Ungerija (4,3 %), fil-Kroazja (3,5 %) u fil-Greċja (3,1 %). Fil-Lussemburgu, fil-Litwanja, fi Spanja, fil-Polonja u fil-Portugall ġew irreġistrati żidiet aktar modesti (taħt it-2 %). B'kuntrast, tnaqqis żgħir ta' inqas minn -1 % ġie rreġistrat fin-Netherlands u fi Franza, filwaqt li tnaqqis aktar qawwi bejn -2 u -5 % seħħ fil-Bulgarija, fl-Irlanda, fil-Latvja u f'Malta. L-akbar

([8]) Għal Ċipru u għas-Slovenja, ir-rati ta' tkabbir ma setgħux jiġu kkalkulati billi s-Slovenja ssottomettiet biss data għall-2023, u Ċipru introduċa paga minima statutorja fl-2023.

telf fil-pagi minimi statutorji reali ġie osservat fis-Slovakkja (-9,7 %) u fiċ-Ċekja (-11,4 %), fejn inflazzjoni relattivament għolja ntlaqgħet b'żidiet limitati biss fil-pagi minimi ([9]).

**Graff 2:** Żviluppi fil-pagi minimi statutorji




*Nota: Is-Slovenja rrapportat data għall-2023 biss. Ċipru introduċa paga minima statutorja fl-2023.*
*Sors: Kalkoli proprji bbażati fuq is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri.*

**Fl-2023, il-pagi minimi statutorji kienu daqs jew ogħla minn 60 % tal-paga medjana gross f'sitt Stati Membri u ogħla minn 50 % tal-paga medja grossa f'erbgħa minnhom** (Graff 3). Il-pagi minimi statutorji laħqu 60 % tal-paga medjana fil-Portugall, fis-Slovenja, fi Franza, fil-Polonja, fil-Ġermanja u fil-Greċja. In-Netherlands, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, Spanja, Ċipru, l-Ungerija u l-Kroazja kienu fi ftit punti perċentwali tal-valur ta' referenza indikattiv ta' 60 %, filwaqt li ħames Stati Membri laħqu valuri bejn 50 % u 54 % tal-paga medjana([10]). Dan l-indiċi kien l-aktar baxx fil-Latvja u f'Malta fl-2023, b'inqas minn 50 %. Tiġi osservata stampa simili meta l-livelli tal-pagi minimi jiġu eżaminati b'mod relattiv għall-pagi medji. Il-livelli tal-pagi minimi statutorji kienu 'l fuq minn 50 % tal-paga medja fis-Slovenja, fi Franza, fin-Netherlands u fil-Ġermanja, filwaqt li l-Greċja, il-Portugall u l-Polonja kienu fi ftit punt perċentwali wieħed ta' dan il-valur.

([9]) Żidiet sussegwenti li seħħew barra mill-perjodu ta' rappurtar komplew jikkumpensaw għat-telf tal-kapaċità tal-akkwist madwar l-UE. Ara, pereżempju, il-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe — Annual review 2025*, 2025.

([10]) Is-Slovakkja, l-Irlanda, il-Bulgarija, il-Litwanja u ċ-Ċekja.

**Graff 3:** Proporzjon tal-paga minima statutorja għall-paga medjana u medja, 2023




*Sors: Kalkoli proprji bbażati fuq is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri u kalkoli tal-Eurostat tal-pagi medjani u medji bl-użu tal-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-pagi (SES).*

**Bejn l-2021 u l-2023, il-pagi minimi statutorji żdiedu aktar malajr mill-pagi medjani fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**. L-akbar żieda fil-proporzjon tal-pagi minimi statutorji għall-pagi medjani seħħet fil-Ġermanja, fejn kiber bi 8,1 punti perċentwali bejn l-2021 u l-2023. Stati Membri oħra li esperjenzaw żidiet konsiderevoli f'dan il-proporzjon kienu n-Netherlands, il-Greċja, il-Portugall, Spanja u l-Ungerija (2 sa 3 punti perċentwali), filwaqt li ġew irreġistrati żidiet iżgħar fi Franza, fiċ-Ċekja, fil-Latvja, fir-Rumanija, fil-Litwanja, fl-Irlanda, fil-Lussemburgu u fil-Polonja (0,5 sa 2 punti perċentwali). Il-pagi minimi żdiedu aktar bil-mod mill-pagi medjani biss fil-Kroazja, f'Malta, fis-Slovakkja u fil-Bulgarija (-0,2 sa -4,8 punti perċentwali). Dawn l-iżviluppi jissuġġerixxu kompressjoni tal-pagi fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-pagi, billi l-livell tal-pagi minimi statutorji avviċina l-medjan fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-effetti sekondarji fuq il-pagi qrib il-minimu wara żieda fil-pagi minimi setgħu naqqsu aktar id-differenza bejn il-pagi baxxi u dawk medjani.

**Is-sehem ta' ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima statutorja jvarja ħafna bejn l-Istati Membri, b'bidliet annwali limitati.** L-Istati Membri rrappurtaw ishma li jvarjaw minn 1 % sa 25 %, iżda l-komparabbiltà ta' dawn l-ishma bejn il-pajjiżi hija limitata ħafna minħabba d-differenzi fis-sorsi tad-data u fil-metodoloġiji([11]). Is-sehem ta' ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima kellu t-tendenza li jkun ogħla fost il-ħaddiema iżgħar, il-ħaddiema f'kumpaniji iżgħar u dawk fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-ospitalità, tal-amministrazzjoni u tas-servizzi ta' appoġġ. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li rrappurtaw diżaggregazzjoni komparabbli, is-sehem ta' dawk li jaqilgħu l-paga minima kien ogħla fost in-nisa. Bejn l-2021 u l-2023, l-ishma baqgħu ġeneralment stabbli, b'bidliet ta' inqas minn punt perċentwali fl-Ungerija, fiċ-Ċekja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fin-Netherlands, fil-Lussemburgu, f'Malta u fl-Irlanda. Is-sehem naqas b'bejn punt perċentwali wieħed u żewġ punti perċentwali fil-Polonja u fis-Slovakkja, u bi kważi tliet punti perċentwali fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fil-Portugall. B'kuntrast, żdied bi ftit aktar minn

([11]) Data armonizzata ppubblikata mill-Eurostat tindika li, fl-2022, is-sehem ta' ħaddiema li jaqilgħu inqas minn 105 % tal-paga minima statutorja varja minn 2,6 % fiċ-Ċekja sa 13,0 % fil-Bulgarija.

punt perċentwali wieħed fi Spanja, u bejn erba' u sitt punti perċentwali fil-Ġermanja, fi Franza u fir-Rumanija. Iż-żidiet akbar fis-sehem ta' dawk li jaqilgħu l-paga minima jissuġġerixxu kompressjoni tal-pagi fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-pagi.

**Xi Stati Membri jippermettu lill-impjegaturi jħallsu pagi taħt il-paga minima statutorja lil gruppi speċifiċi ta' ħaddiema.** Varjazzjonijiet għall-ħaddiema żgħażagħ (Ċipru, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands), għall-impjegati reklutati reċentement (Ċipru, il-Ġermanja) jew għall-ħaddiema b'diżabilità (in-Netherlands, il-Portugall) għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' dawn il-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Il-varjazzjonijiet għall-istudenti, għall-apprendisti u għat-trainees (Franza, in-Netherlands, il-Portugall) għandhom l-għan addizzjonali li jħeġġu lill-impjegatur biex jipprovdi taħriġ vokazzjonali.

**Barra minn hekk, diversi Stati Membri japplikaw varjazzjonijiet tal-paga minima statutorja għal ħaddiema f'reġjuni, f'setturi jew f'okkupazzjonijiet speċifiċi.** Dawn huma tipikament ġustifikati mis-sitwazzjoni ekonomika fir-reġjun (bħal f'Mayotte, dipartiment ekstra-Ewropew ta' Franza) jew min-natura partikolari tas-settur jew tal-okkupazzjoni. F'Ċipru, il-ħaddiema fl-industrija tal-lukandi huma soġġetti għal pagi minimi speċifiċi għas-settur u għall-okkupazzjoni, li huma bbażati fuq ftehim mas-sħab soċjali. Fi Franza, il-varjazzjonijiet għall-persuni li jieħdu ħsieb it-tfal u għall-indokraturi għandhom l-għan li jibbilanċjaw l-interessi tal-ħaddiema f'dawn l-okkupazzjonijiet ma' dawk tal-impjegaturi, inkluża l-ħtieġa li dawn is-servizzi ta' assistenza jibqgħu affordabbli. Il-pagi minimi aktar baxxi għall-ħaddiema involuti f'xogħlijiet pubbliċi fl-Ungerija u għall-priġunieri fil-Latvja għandhom l-għan, rispettivament, li jħeġġu lill-ħaddiema jfittxu impjieg fis-settur privat u li jappoġġaw ir-riintegrazzjoni tagħhom. B'kuntrast, Malta u r-Rumanija introduċew varjazzjonijiet li jirrikjedu li l-impjegati jitħallsu aktar mill-paga minima statutorja f'setturi affettwati minn volatilità ekonomika jew fejn il-ħaddiema għandhom inqas poter ta' negozjar.

**Diversi Stati Membri jippermettu lill-impjegaturi japplikaw tnaqqis, li jista' jnaqqas ir-remunerazzjoni mħallsa lil impjegat għal livell taħt il-paga minima statutorja.** Dawn jistgħu jkunu relatati mal-akkomodazzjoni pprovduta mill-impjegatur (Ċipru, l-Irlanda, in-Netherlands), mal-ikel (Ċipru, l-Irlanda), mal-assigurazzjoni tas-saħħa (in-Netherlands), ma' multi għal assenzi mhux ġustifikati u għal ksur tar-regolamenti tas-saħħa u tas-sigurtà (il-Polonja), ma' kumpens għal danni kkawżati lill-impjegatur (il-Litwanja, il-Polonja), kif ukoll ma' pagamenti ta' manteniment tat-tfal u ma' tnaqqis ieħor sanzjonat amministrattivament jew ġudizzjarjament (il-Kroazja, iċ-Ċekja, Franza, il-Litwanja, il-Polonja). F'ħafna każijiet, il-firxa tat-tnaqqis hija limitata għal perċentwal speċifikat tal-paga tal-ħaddiem (li ġeneralment ivarja minn 5 % sa 30 %). Tnaqqis ieħor jista' jiġi applikat biss sakemm jiġi ggarantit livell minimu ta' introjtu għar-riċevitur.

*Protezzjoni tal-pagi minimi prevista biss fi ftehimiet kollettivi*

**Ir-rati tal-paga l-aktar baxxi fi ftehimiet kollettivi li jkopru lil ħaddiema b'paga baxxa** ([12]) **ivarjaw konsiderevolment minn Stat Membru kkonċernat għal ieħor** (Graff 4). Fl-2023, id-Danimarka rreġistrat l-ogħla rata (EUR 2 807 fix-xahar), segwita mill-Belġju (EUR 1 955). Ir-rati tal-paga bejn EUR 1 600 u EUR 1 800 ġew irrappurtati mill-Iżvezja (EUR 1 762), mill-Awstrija (EUR 1 750), mill-Italja (EUR 1 659)([13]) u mill-Finlandja (EUR 1 642), filwaqt li l-Estonja rrappurtat l-inqas rata tal-paga (EUR 725)([14]). F'dawn l-Istati Membri, il-ħaddiema li ma kinux koperti minn ftehim kollettiv ġeneralment qalgħu inqas minn dawk li kienu koperti.

**Graff 4**: L-inqas rati tal-paga fix-xahar previsti fi ftehimiet kollettivi (f'EUR)




*Nota:* *Fl-Iżvezja, it-tnaqqis fir-rati nominali tal-paga l-aktar baxxi f'euro huwa dovut għal bidliet fir-rata tal-kambju. L-ammont nominali fil-munita nazzjonali żdied matul il-perjodu. L-Italja rrapportat biss data għall-2023.*

*Sors:* *Is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri, konvertiti f'EUR u f'livelli ta' pagi ta' kull xahar.*

**Id-disparitajiet fir-rati tal-paga l-aktar baxxi miftiehma kollettivament bejn l-Istati Membri huma iżgħar wara li jitqiesu d-differenzi fil-livelli tal-prezzijiet**. Fl-2023, ir-rati tal-paga nominali l-aktar baxxi fid-Danimarka kienu kważi erba' darbiet akbar milli fl-Estonja. Meta espressi fi standards tal-kapaċità tal-akkwist biex jaġġustaw għall-fatt li l-Istati Membri b'rati tal-paga ogħla għandhom tendenza li jkollhom livell ta' prezzijiet ogħla, din id-differenza tonqos għal inqas minn tliet darbiet. Fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, fl-2023, ir-rati tal-paga l-aktar baxxi miftiehma kollettivament kienu l-ogħla fid-Danimarka, segwita mill-Italja, mill-Belġju, mill-Awstrija, mill-Iżvezja u mill-Finlandja. Ir-rati tal-paga l-aktar baxxi f'termini ta' kapaċità tal-akkwist – b'marġni sinifikanti – ġew irreġistrati fl-Estonja.

**Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li jibbażaw biss fuq in-negozjar kollettiv, iż-żidiet fir-rati tal-paga l-aktar baxxi miftiehma kollettivament kienu inqas mill-inflazzjoni matul il-perjodu ta' referenza** (Graff 5). Bejn l-2021 u l-2023, il-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu l-inqas rata tal-paga naqas b'bejn -5 % u -10 % fil-pajjiżi kollha ħlief l-Awstrija u l-Belġju. L-akbar telf ġie rreġistrat fl-Iżvezja (-10 %). Telf iżgħar iżda xorta sinifikanti ġie rreġistrat fil-Finlandja (-7 %), fid-Danimarka (-6 %) u fl-Estonja (-5 %). Fl-Awstrija, l-inqas

([12]) Il-Eurostat jiddefinixxi lil dawk li jaqilgħu paga baxxa bħala impjegati li jaqilgħu żewġ terzi jew inqas tal-qligħ gross medjan nazzjonali fis-siegħa. Madankollu, id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jużaw id-definizzjonijiet tagħhom stess.

([13]) L-Italja rrappurtat ir-rata tal-paga fil-25 perċentil, aktar milli ir-rata tal-paga l-aktar baxxa, tal-ftehimiet kollettivi magħżula li jkopru ħaddiema bi qligħ baxx.

([14]) L-Istati Membri identifikaw ftehimiet kollettivi li jkopru lil ħaddiema b'paga baxxa u ssottomettew data dwar ir-rati tal-paga l-aktar baxxi misjuba fosthom.

rati tal-paga baqgħu relattivament stabbli f'termini reali (0,2 %), filwaqt li fil-Belġju żdiedu bi 3 %.

**Graff 5:** Tkabbir reali fir-rati tal-paga l-aktar baxxi, 2021-2023




*Nota: Ir-rati ta' tkabbir għall-Italja ma kinux disponibbli peress li d-data ġiet ipprovduta għall-2023 biss.*
*Sors: Is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri.*

**Il-firxa tat-telf tal-kapaċità tal-akkwist fost dawk li jaqilgħu l-paga minima tirrifletti l-abbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni tal-pagi minimi li jaġġustaw għal inflazzjoni għolja fil-ħin.** F'diversi pajjiżi fejn il-protezzjoni tal-pagi minimi hija prevista biss fi ftehimiet kollettivi, il-ħaddiema li jaqilgħu l-inqas rati tal-paga esperjenzaw telf fil-pagi reali bejn l-2021 u l-2023, filwaqt li l-istampa hija aktar imħallta fost l-Istati Membri b'pagi minimi statutorji. Fejn l-iffissar tal-pagi minimi jirrikjedi l-involviment f'negozjar kollettiv, l-aġġustamenti għal ċirkostanzi mhux previsti bħal żidiet f'daqqa fl-inflazzjoni jistgħu jieħdu aktar żmien(15). Barra minn hekk, il-mod kif l-aspettattivi tal-inflazzjoni jitqiesu fil-proċess tal-iffissar tal-pagi jvarja bejn l-Istati Membri. Madankollu, l-impatt ekonomiku u soċjali kien immitigat mill-fatt li l-inqas rati tal-paga fl-Istati Membri, li jibbażaw fuq ftehimiet kollettivi għall-protezzjoni tal-pagi minimi, kellhom it-tendenza li jkunu relattivament għoljin meta mqabbla mal-pagi minimi statutorji f'pajjiżi oħra tal-UE.

*Kopertura tan-negozjar kollettiv*

**Ir-rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, billi l-ftehimiet kollettivi jkopru l-ħaddiema kollha f'xi wħud u inqas minn għoxrin fil-mija f'oħrajn** (Graff 6). Il-Belġju u l-Italja kellhom rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv ta' 100 % fl-2023, filwaqt li sitt Stati Membri addizzjonali kellhom rati ogħla mil-limitu ta' 80 %, jiġifieri l-Awstrija (94,9 %), Spanja (91,8 %), il-Finlandja (88,8 %), l-Iżvezja (88 %), il-Portugall (83,3 %) u d-Danimarka (81 %). Taħt dan il-limitu, aktar minn nofs il-ħaddiema kollha kienu koperti minn ftehimiet kollettivi fin-Netherlands (72,6 %), fis-Slovenja (65,3 %) u fil-Lussemburgu (57,3 %). Bejn wieħed minn kull ħamsa u nofs il-ħaddiema kienu koperti fil-Ġermanja (49,5 %), fiċ-Ċekja (42,4 %), fil-Latvja (31,6 %), f'Malta (31 %), fir-Rumanija (28,0 %), fis-Slovakkja (27 %) u f'Ċipru (24,9 %). Fl-aħħar nett, l-aktar rati baxxi ta' kopertura tan-negozjar kollettiv, taħt l-20 %, ġew irrappurtati mill-Estonja (19,1 %), mill-Bulgarija (16,2 %), mill-Ungerija (14,8 %) u mill-Polonja (11,6 %)(16) . Bejn l-2021 u l-2023, ir-rati ta'

(15) OECD Employment Outlook (2023).

(16) Minħabba d-disponibbiltà tad-data, ir-rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv għal-Lussemburgu u għal-Latvja f'dan it-tqabbil jirreferu għas-sena 2022, filwaqt li r-rata għall-Estonja tirreferi għall-2021.

kopertura tan-negozjar kollettiv inbidlu relattivament ftit, ħlief għal Ċipru, għal Malta u għar-Rumanija([17]).

**Graff 6**: Rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv fl-UE, 2021-2023




*Nota:* *Il-Kroazja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda u l-Litwanja ma ssottomettew data għal ebda waħda mit-3 snin. Malta użat sorsi ta' data differenti għal kull sena rrappurtata – l-Istħarriġ dwar l-istruttura tal-pagi għall-2022 u studju li sar mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi għall-2023. L-Iżvezja użat metodu differenti biex tikkalkula l-kopertura tan-negozjar kollettiv fl-2021. Is-Slovenja, il-Lussemburgu, il-Latvja u l-Estonja pprovdew data għal snin speċifiċi biss.*

*Sors:* *Is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri.*

## PARTI II: PJANIJIET TA' AZZJONI GĦALL-PPROMOZZJONI TAN-NEGOZJAR KOLLETTIV

**Bħalissa hemm 18-il Stat Membru li fihom ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv hija inqas mil-limitu ta' 80 %** ([18]). Għalhekk, dawn l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva. Id-Direttiva tipprovdi wkoll li l-pjanijiet ta' azzjoni għandhom isiru pubbliċi u nnotifikati lill-Kummissjoni. Filwaqt li ma tispeċifikax skadenza għall-istabbiliment tal-pjanijiet ta' azzjoni, jista' jiġi dedott li dan għandu jsir mingħajr dewmien żejjed.

**Sal-15 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet il-pjanijiet ta' azzjoni ta' 12-il Stat Membru** ([19]). Għalhekk, l-ambitu tal-analiżi huwa limitat għall-pjanijiet ta' azzjoni minn dawn l-Istati Membri. Fis-sitt Stati Membri li jifdal([20]) il-pjanijiet ta' azzjoni qed jiġu diskussi mas-sħab soċjali. Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni f'dawn il-pajjiżi u tistenna li dawn jistabbilixxu l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom fix-xhur li ġejjin.

---

([17]) F'Ċipru, it-tnaqqis irrappurtat huwa konsistenti mat-tnaqqis fit-tul fid-densità tat-trade unions osservat fil-pajjiż. Fir-Rumanija, iż-żieda rrappurtata x'aktarx tirrifletti kemm l-iżviluppi istituzzjonali bħar-riformi tad-djalogu soċjali kif ukoll il-metodoloġija tal-kejl. It-tnaqqis f'Malta huwa dovut għall-użu ta' sorsi ta' data differenti.

([18]) Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

([19]) Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([20]) Il-Kroazja, Ċipru, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija u s-Slovenja.

**Kif meħtieġ mid-Direttiva, il-pjanijiet ta' azzjoni riċevuti ġew stabbiliti bl-involviment tas-sħab soċjali** ([21]). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jispeċifikaw fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom li ġew stabbiliti wara li kkonsultaw lis-sħab soċjali([22]) jew bi qbil magħhom([23]), filwaqt li fil-bqija tal-każijiet il-fatt li s-sħab soċjali ġew ikkonsultati jista' jiġi dedott minn sorsi disponibbli pubblikament([24]).

**Kollha fihom skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni sħiħa tagħhom.** Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet ta' azzjoni trażmessi lill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati fi żmien 5 snin([25]). Dan jikkoinċidi mad-durata massima li għandu jkollhom qabel l-aġġornament obbligatorju tagħhom f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva. Uħud mill-pjanijiet ta' azzjoni([26]) għandhom perjodu ta' żmien iqsar ta' sentejn. Minbarra l-perjodu ta' żmien ġenerali, il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet ta' azzjoni għandhom skadenzi speċifiċi għal kull waħda mill-miżuri li fihom ([27]).

**Il-pjanijiet ta' azzjoni riċevuti jinkludu wkoll miżuri konkreti biex jippromwovu n-negozjar kollettiv.** Id-Direttiva tħalli diskrezzjoni lill-Istati Membri biex jiddeterminaw l-aħjar mezzi biex jintlaħaq l-objettiv li tiżdied gradwalment il-kopertura tan-negozjar kollettiv. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni minn strumenti oħra tal-UE mhux vinkolanti, bħar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali([28]) , kif ukoll il-Linja Gwida 7 tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-Impjiegi([29]).

Il-miżuri konkreti biex jippromwovu n-negozjar kollettiv inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni jistgħu jiġu kklassifikati, skont l-iskop ewlieni tagħhom, fis-sitt kategoriji ewlenin li ġejjin.

1) **It-tisħiħ tal-kapaċità tas-sħab soċjali.** Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jippermettu lis-sħab soċjali jinvolvu ruħhom b'mod aktar effettiv fin-negozjar kollettiv fil-livelli kollha. Spiss jinkludu t-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-iskambju tal-għarfien. Tali miżuri huma inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni ta' 9 mit-12-il Stat Membru ([30]).

2) **It-titjib tal-qafas regolatorju tan-negozjar kollettiv.** Il-miżuri f'din il-kategorija għandhom l-għan li jneħħu l-ostakli legali u proċedurali, jiċċaraw id-drittijiet u l-obbligi

([21]) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva jistabilixxi li l-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jiġu stabbiliti wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, bi ftehim mas-sħab soċjali, jew, wara talba konġunta mis-sħab soċjali, kif miftiehem bejn is-sħab soċjali.

([22]) Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovakkja.

([23]) Iċ-Ċekja.

([24]) Il-Latvja, Malta u r-Rumanija.

([25]) Dan huwa l-każ għall-pjanijiet ta' azzjoni tal-Bulgarija, taċ-Ċekja, tal-Greċja, tal-Irlanda, ta' Malta, tal-Polonja, tar-Rumanija u tas-Slovakkja, li għandhom jiġu implimentati sal-2030. Il-pjan ta' azzjoni tal-Litwanja, li ġie stabbilit qabel il-bqija (2024) jipprevedi perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tiegħu ta' 4 snin (mill-2024 sal-2028).

([26]) L-Estonja, il-Latvja u n-Netherlands.

([27]) Bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Estonja, tal-Latvja u ta' Malta, li stabbilew biss qafas ta' żmien ġenerali.

([28]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (C/2023/1389), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023H01389

([29]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3134 tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202403134

([30]) Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

tas-sħab soċjali, u jippermettu n-negozjar fil-livelli xierqa (eż. billi jiffaċilitaw in-negozjar kollettiv fil-livell settorjali jew fil-kuntest ta' forom ġodda ta' xogħol). Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet ta' azzjoni jipprevedu dan it-tip ta' miżuri ([31]).

3) **Sensibilizzazzjoni u promozzjoni tal-benefiċċji tan-negozjar kollettiv.** Dawn il-miżuri jfittxu li jindirizzaw l-ostakli informattivi u kulturali fost il-ħaddiema, l-impjegaturi u l-pubbliku ġenerali. Dawn jinkludu kampanji ta' informazzjoni, pubblikazzjonijiet jew portali tal-web. Il-miżuri ta' din il-kategorija huma inklużi f'10 mit-12-il pjan ta' azzjoni ([32]).

4) **It-titjib tal-ġbir, tal-monitoraġġ u tat-trasparenza tad-data dwar in-negozjar kollettiv**. Din il-kategorija tirreferi għal miżuri u għal għodod bħal reġistri ta' ftehimiet kollettivi, statistiki dwar il-kopertura u rappurtar regolari ta' ftehimiet kollettivi u tal-kopertura tagħhom. Għaxar pjanijiet ta' azzjoni jinkludu miżuri ta' dan it-tip([33]).

5) **Inċentivi u mekkaniżmi ta' appoġġ biex iħeġġu n-negozjar kollettiv.** Xi eżempji mill-pjanijiet ta' azzjoni differenti taħt din il-kategorija huma l-introduzzjoni ta' inċentivi fiskali għal kumpaniji li għandhom ftehim kollettiv jew il-ħolqien ta' unitajiet speċjalizzati fi ħdan is-sħab soċjali biex jipprovdu appoġġ u gwida metodoloġika fin-negozjati ta' ftehimiet kollettivi. Seba' pjanijiet ta' azzjoni jikkontemplaw miżuri li jistgħu jiġu kklassifikati f'din il-kategorija([34]).

6) **Mekkaniżmi ta' infurzar u għas-soluzzjoni tat-tilwim.** Dawn il-miżuri jinkludu t-tisħiħ tar-rwol tal-ispettorati tax-xogħol fl-infurzar tal-ftehimiet kollettivi u l-għoti ta' taħriġ u ta' riżorsi addizzjonali lill-medjaturi u lill-arbitri. Il-miżuri ta' dan it-tip jidhru fil-pjanijiet ta' azzjoni ta' sitt Stati Membri ([35]).

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport fih deskrizzjoni aktar dettaljata tal-miżuri previsti mill-pjanijiet ta' azzjoni taħt kull waħda minn dawn il-kategoriji.

*Valutazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-Kummissjoni*

**Il-pjanijiet ta' azzjoni kollha riċevuti jistgħu jitqiesu li jikkonformaw formalment mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva**. Dawn kollha ġew stabbiliti bl-involviment tas-sħab soċjali u fihom kemm skeda ta' żmien ċara kif ukoll għadd ta' miżuri konkreti mmirati lejn iż-żieda fir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv.

**L-effettività tal-pjanijiet ta' azzjoni teħtieġ li tiġi vvalutata fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet ta' kull sistema nazzjonali ta' negozjar kollettiv.** F'konformità mad-Direttiva, il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom l-għan li jiksbu żieda gradwali fir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv. Madankollu, ma hemm l-ebda metodoloġija standard biex tiġi vvalutata *ex ante* l-effettività tal-

---

([31]) Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovakkja.

([32]) Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([33]) Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([34]) Il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja u r-Rumanija.

([35]) Il-Bulgarija, il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

miżuri biex jiġi promoss in-negozjar kollettiv, peress li dan jiddependi ħafna fuq kif jiġu implimentati fil-prattika. Barra minn hekk, it-tradizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali rigward id-djalogu soċjali jeħtieġ li jiġu kkunsidrati f'kull każ.

**Fl-aħħar mill-aħħar, l-effettività tal-pjanijiet ta' azzjoni se tkun riflessa fl-evoluzzjoni tar-rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv fis-snin li ġejjin.** F'dan ir-rigward, għadu kmieni wisq biex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar jekk kull pjan ta' azzjoni huwiex probabbli li jirnexxilu jżid ir-rata ta' kopertura.

**Fl-istess ħin, diġà jistgħu jsiru xi osservazzjonijiet preliminari dwar l-aħjar prattiki**:

- **Livell ta' dettall għall-miżuri istituzzjonali.** Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet ta' azzjoni jiddeskrivu f'termini konkreti l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni previsti([36]), li jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' klima aktar favorevoli għan-negozjar kollettiv. Madankollu, spiss ikunu aktar vagi meta jiġu biex jispjegaw il-bidliet istituzzjonali futuri li se jiġu introdotti fil-qafas tan-negozjar kollettiv([37]). Minħabba li l-miżuri istituzzjonali ħafna drabi jkollhom impatt pożittiv dirett fuq ir-rati ta' kopertura tan-negozjar kollettiv, ikun preferibbli li l-pjanijiet ta' azzjoni kollha jispeċifikawhom f'termini aktar konkreti.

- **Kronoloġija għall-implimentazzjoni.** Il-pjanijiet ta' azzjoni kollha jinkludu skeda ta' żmien ġenerali għall-implimentazzjoni tagħhom, iżda xi wħud minnhom ma jistabbilixxux skadenzi speċifiċi għal kull miżura individwali li fihom([38]). F'dan ir-rigward, l-iffissar ta' skadenzi intermedji u objettivi intermedji jista' jitqies bħala prattika tajba, peress li jista' jgħin biex jiżgura progress kostanti u jippermetti monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni.

- **L-involviment tas-sħab soċjali fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.** Filwaqt li l-pjanijiet ta' azzjoni kollha fihom referenzi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (f'xi każijiet b'indikaturi dettaljati), uħud minnhom biss jipprevedu espliċitament l-involviment tas-sħab soċjalif'dan il-kompitu ([39]). Din hija wkoll meqjusa bħala prattika tajba, peress li s-sħab soċjali normalment ikunu f'pożizzjoni li jivvalutaw jekk il-miżuri li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni jkunux qed jiġu implimentati b'mod korrett fil-prattika.

## KONKLUŻJONI

**Bejn l-2021 u l-2023, il-pagi minimi statutorji żdiedu fl-Istati Membri kollha.** F'madwar nofs l-Istati Membri, iż-żidiet jikkumpensaw għat-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist kawża tal-inflazzjoni għolja. Barra minn hekk, il-pagi minimi żdiedu b'mod aktar b'saħħtu fil-pajjiżi fejn

([36]) Bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inizjattivi ta' ġbir tad-data, jew reġistri pubbliċi ta' ftehimiet kollettivi.

([37]) Filwaqt li xi Stati Membri, bħall-Bulgarija u l-Greċja, jispeċifikaw il-kontenut tal-bidliet regolatorji li biħsiebhom jintroduċu, oħrajn, bħal-Latvja, il-Litwanja jew is-Slovakkja, iħalluh aktar miftuħ u ma jagħtu l-ebda indikazzjoni dwar il-kontenut possibbli ta' dawk il-bidliet jew sempliċement jirreferu għall-ħtieġa ta' aktar studji u analiżi.

([38]) Dan huwa l-każ għall-pjanijiet ta' azzjoni tal-Estonja, tal-Latvja u ta' Malta.

([39]) Il-Greċja, iċ-Ċekja, is-Slovakkja, il-Polonja u r-Rumanija.

kienu aktar baxxi, u dan għen biex tiġi appoġġata l-konverġenza 'l fuq tal-pagi minimi, f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva.

**Fl-Istati Membri fejn il-protezzjoni tal-paga minima hija pprovduta biss permezz ta' ftehimiet kollettivi, ir-rati tal-paga l-aktar baxxi miftiehma b'mod kollettiv varjaw b'mod konsiderevoli.** Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, iż-żidiet fir-rati tal-paga l-aktar baxxi miftiehma b'mod kollettiv matul il-perjodu ta' referenza kienu inqas mill-inflazzjoni. Madankollu, dan ġie parzjalment mitigat mill-fatt li dawn ir-rati kienu ġeneralment relattivament ogħla minn dawk f'pajjiżi b'pagi minimi statutorji.

**Bħalissa hemm 18-il Stat Membru fejn ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv hija inqas mil-limitu ta' 80 %**. Għalhekk, dawn l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv f'konformità mad-Direttiva. Madankollu, sal-15 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet il-pjanijiet ta' azzjoni ta' 12-il Stat Membru biss.

**Il-pjanijiet ta' azzjoni nnotifikati lill-Kummissjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva.** Dawn ġew stabbiliti bl-involviment tas-sħab soċjali u fihom kemm miżuri konkreti għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv kif ukoll skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tagħhom. Valutazzjoni preliminari identifikat xi wħud mill-aħjar prattiki, bħall-introduzzjoni ta' spjegazzjonijiet dettaljati tal-miżuri istituzzjonali previsti. L-Istati Membri mħeġġa jqisu dawn l-elementi fil-kuntest tar-rieżami u l-aġġornament futuri tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni biħsiebha timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq l-evoluzzjoni tar-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv fl-Istati Membri kkonċernati u se tivvaluta mill-ġdid l-effettività ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni fir-rapport perjodiku li jmiss tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva.